

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2016 – Asolo vs EUIPO – Red Bull (FLÜGEL)****(Kawża T-714/16)**

(2016/C 462/37)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Asolo LTD (Limassol, Ċipru) (rappreżentant: W. Pors, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Red Bull GmbH (Fuschl am See, l-Awstrija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "FLÜGEL" – Trade mark tal-Unjoni Nru 637 686

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-29 ta' Lulju 2016, fil-Każ R 282/2015-5

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Red Bull għall-ispejjeż.

**Motiv(i) invokat(i)**

- Ksur tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 53(1)(a) flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2016 – Pfizer u Pfizer Santé Familiale vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-716/16)**

(2016/C 462/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Pfizer Ltd. (Sandwich, ir-Renju Unit), Pfizer Santé Familiale (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: L. Catrain González, avukat, u E. Wright, barrister-at-law)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea